MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 1054/2000/1

**Clotilde armla ta' Paul Vella**

**v.**

**Luigia Caruana**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza (finali) moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar, 2004, kif ukoll mis-

sentenza preliminari moghtija fit-30 ta’ Mejju, 2002 u li permezz taghha kienet giet respinta l-eccezzjoni tal-konvenuta li l-attrici ma kellhiex interess guridiku li tipproponi din l-azzjoni.

**2.** Il-kawza hija wahda ta’ spoll. Brevement il-fatti huma li l-attrici, b’sentenza tal-Qorti ad istanza tal-konvenuta, giet zgumbrata minn parti mill-fond li hija kienet tokkupa. Meta l-attrici harget minn din il-parti tal-fond, hija mbarrat l-aperturi li kien hemm f’din il-parti tal-fond u li kienu jaghtu ghal fuq il-gardina li kienet, u li baqghet, fil-pussess taghha. Skond il-konvenuta – ara d-deposizzjoni taghha tal-14 ta’ Marzu, 2001, fol. 16 *et seq.* tal-process – hija giet fil-pussess tal-ambjenti zgumbrati mill-attrici ghall-habta ta’ Novembru, 1999 u fethet l-aperturi li jaghtu ghal fuq il-gardina ta’ l-attrici f’Mejju tas-sena ta’ wara, cioe` tas-sena 2000.

**3.** Ikun opportun f’dana l-istadju li tigi riprodotta fl-intier taghha s-sentenza appellata, peress li din fiha t-talbiet attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenuta (l-appellanti odjerna) kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti li tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuta u tilqa’ t-talbiet attrici –

**“Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-26 ta’ Mejju, 2000 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

Li gie kommess spoll vjolenti u klandestin mill-konvenuta u dan b’ dannu u kontra r-rieda tal-attrici, liema spoll jikkonsisti fil-fatt li l-konvenuta fethet twieqi fil-fond 40 New Street, Luqa, ghal fuq il-fond 39 New Street, Luqa, proprjeta’ ta’ l-attrici, u dan fis-7 ta’ Mejju, (sic)200 u fit-13 ta’ Mejju, 2000.

Li minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm reintegrazzjoni ghall-istat antecedenti mill-konvenuta;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-fatt li l-konvenuta fethet twieqi fil-fond 40 New Street, Luqa ghal fuq il-fond 39 New Street Luqa, propjeta' tal-attrici, u dan fis-7 ta' Mejju, 2000 u fit-13 ta' Mejju, 2000 kontra r-rieda ta' l-attrici jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

2. Tikkundanna lill-konvenuta li fi zmien qasir u perentorju jirreintegra lill-attrici fl-istat antecedenti ghall-istess spoll; u fin-nuqqas li dan isir tawtorizza li l-istess reintegrazzjoni ssir mill-attrici u dan bi spejjez tal-istess konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni; u b' riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mhalufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fit-30 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi ma jsesistux l-elementi kollha biex l-attrici tkun tista' tintavola l-azzjoni odjerna skond il-ligi.

2. Illi l-attrici tried tipprova l-interess guridiku taghha f' din il-kawza.

3. Illi d-domandi tal-attrici huma infondati billi ma jesistix ebda spoll.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll illi kif hu risaput tehtieg tissodisfa tlett rekwisiti biex tirnexxi ossija;

1. L-attur irid ikollu l-pussess qabel isehh l-ispoll,

2. L-azzjoni spoljattiva da parti tal-konvenut li trid tkun klandestina jew vjolenti;

3. Li l-azzjoni attrici issir entro x-xahrejn minn meta gie kommess l-ispoll (skond certi sentenzi minnmeta l-attur isir jaf bl-ispoll.

Din hija kawza ta' spoll pjuttost differenti mill-kawzi tas-soltu billi l-attrici kienet tokkupa fond illi b'sentenza tal-Qorti giet zgumbrata minn parti minnu. Qed tallega illi meta hija zgumbrat, il-konvenuta fethet xi twieqi go dan il-fond li kienu jaghtu ghal fuq il-parti illi baqghet tokkupa hi. Dawn it-twieqi kienet ghalqithom l-istess attrici qabel ma zgumbrat mill-fond. Qed tallega allura illi l-konvenuta b'din l-azzjoni ikkomettiet spoll fil-konfront taghha.

Il-konvenuta eccpiet li l-attrici ma ghandiex interess guridiku izda din l-eccezzjoni giet michuda bis-sentenza li tat dina l-Qorti fit-30 ta' Mejju 2002. Qed teccepixxi ukoll li ma hemmx ir-rekwisiti ta' spoll.

Il-konvenuta fl-affidavit taghha qalet hekk, fost affarijiet ohra:

*Meta qlajt il-gebel li kienet arbitrarjarjament bniet l-attrici meta halliet il-kamra, jien qlajt il-gebel li kien hemm u gibtu fl-istat li kien meta kienet tabita fih u kif dejjem kien…*

*Wara s-sentenza tal-kawza 57/82 kien gie l-marixxal biex jintima lill attrici … biex tizgombra miz-zewgt ikmamar li*

*kienet okkupat u sa dak iz-zmien l-aperturi kienu miftuhin…Imma meta l-attrici zgombrat mill-kamra ta wara ghalqithom u .. ghalqet ukoll il-ventilatur.*

Il-kwistjoni importanti ghalhekk hija jekk it-twieqi infethux skond is-sentenza tal-Qorti inkella le. L-attrici kellha ai termini tas-sentenza fil-kawza imsemmija, tizgombra mill-fond. Ma jirrizultax li kellha xi ordni taghlaq it-twieqi pero` ghamlet dan ghaliex inkella l-konvenuta kien se jkollha dritt ta' prospett fuqha; ghall-inqas certament kienet tista' tittawwal ghal fuq il-propjeta` tal-attrici jew ghall-inqas okkupata. Kwindi l-ordni tal-Qorti kienet li l-attrici (konvenuta f'dik il-kawza) tizgombra mill-fond. Kienet haga forsi naturali li qabel tizgombra taghlaq it-twieqi biex il-konvenuta (attrici f'dik il-kawza) jew xi hadd iehor li jipposjedi l-ambjenti warajha ma jkunux jistghu jittawwlu ghal fuqha.

Is-sentenza riportata fil-Vol. LXXXI, it-tieni parti, pagna 402 tghid *inter alia* hekk;

*B' liema mottiv jew animu (il-konvenut) ghamel hekk (iddisturba sitwazzjoni fattwali minghajr l-awtorizzazzjoni tal-ligi jew approvazzjoni tal-attur) huwa ghal kollox irrilevanti. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni tesprimi ruhha fis-sentenza fl-ismijiet C Cardona vs F Tabone (9 ta' Marzu 1992) Il ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll … ma taghtix lok ghal ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess jew detenzjoni u (b) il-fatt ta' l-ispoll. Indagini limitatissima rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra …..*

Illi ghalhekk hu immaterjali jekk il-konvenuta effettivament ghandhiex dritt skond il-ligi civili jew dik sanitarja li tiftah dawn it-twieqi ghall iskop ta' din il-kawza. Ladarba hija ammettiet li fethet il-twieqi u ma ipproduciet ebda prova li ghamlet dan skond is-sentenza tal-Qorti bejn il-kontendenti fl-ismijiet inversi, l-azzjoni attrici tissodisfa l-kriterji kollha tal-actio spolii.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-fatt li l-**

**konvenuta fethet twieqi fil-fond 40 New Street Luqa ghal fuq il-fond 39 New Street Luqa propjeta tal-attrici jikostitwixxi spoll vjolenti u klandestin, u tikkundanna lill-konvenuta biex fi zmien sittin gurnata tirrintegra lill-attric fl-istat antecdenti ghall-istess spoll, u fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici taghmel ix-xoghol necessarju hija stess a spejjes tal-konvenuta, liema xoghol ghandhu jsir dejjem taht is-supervizzjoni tal-AIC Renato Laferla.**

**L-ispejjes jigu sopportati mill-konvenuta."**

**4.** Luigia Caruana interponiet appell minn din is-sentenza, u dan permezz ta' rikors presentat fid-19 ta' Frar, 2004. Kif diga inghad, hija qed tappella wkoll mis-sentenza preliminari tat-30 ta' Mejju, 2002.

**5.** Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll wara li qieset is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet maghmula fl-udjenza tas-7 ta' Frar, 2005, sejra tikkonsidra l-aggravji ta' l-appellanti. Din il-Qorti tikkonfessa li ma kienx facli ghaliha li taghmel sens minn dawn l-aggravji, minhabba l-mod konfuz kif huma ppresentati fir-rikors. Bazikament, pero`, l-appellanti tikkontendi li l-ewwel Qorti ddecidiet hazin il-kawza peress li ma ddecidietx l-ewwel eccezzjoni, kif ukoll peress li fl-attrici huwa nieqes l-interess guridiku li tipproponi din il-kawza (it-tieni eccezzjoni, dik deciza permezz tas-sentenza preliminari tat-30 ta' Mejju, 2002). Ghall-precizjoni din il-Qorti ser tirriproduci l-paragrafu tar-rikors ta' appell li jissintetizza l-aggravji tal-appellanti:

"Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej: 1. Illi l-ewwel eccezzjoni ma gietx mgharbla u deciza mill-ewwel Onorabbli Qorti. 2. Illi l-interess guridku neccessarju biex l-attrici/appellata tintavola l-odjerna kawza gie interpretat hazin mill-ewwel Onorabbli Qorti u minflok l-appellanti kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. (a) meta l-appellata ma ipprovatx il-legittimu rappresentanza taghha bhala attrici ghax hi meta

abbandunat kwalunkwe pussess u halliet l-ambjenti wara id-decizjoni fil-kawza numru (*sic!*) (b) illi l-Qorti ma apprezzatx bizzejjed il-mala fede tal-appellata/konvenuta u pproteggitha minflok."

**6.** Issa, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta appellanti kienet tghid testwalment (kif jirrizulta mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti hawn aktar 'l fuq riprodotta) *"Illi l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju blli ma jezistux l-elementi kollha biex l-attrici tkun tista' tintavola l-azzjoni odjerna skond il-ligi."* Kif formulata, hu evidenti li din l-eccezzjoni hi intimament marbuta mal-meritu tal-kawza, fis-sens ta' jekk hemmx jew le l-estremi ta' l-ispoll u l-presupposti (anke procedurali) kollha ghall-*actio spolii*. Il-liberazzjoni mill-osservanza mhix qed tintalab hawn minhabba li l-konvenuta qed tallega li hija mhix il-legittimu kontradittur – haga li evidentement ma tistax tallegaha minghajr ma tikkontradici lilha nnifisha meta tammetti li kienet kienet hija stess li, wara xi zmien, regghet fethet l-aperturi tal-ambjenti li minnhom kienet zgumbrat lill-attrici (ara kemm id-deposizzjoni tal-konvenuta tal-14 ta' Marzu, 2001, fol. 16, kif ukoll l-affidavit prezentat permezz tan-nota tat-30 ta' Settembru, 2002, fol. 53, 54). L-ewwel Qorti, korrettement, iddecidiet din l-eccezzjoni flimkien mal-meritu (fis-sentenza tat-30 ta' Jannar, 2004). L-aggravju ta' l-appellanti f'dan ir-rigward huwa wiehed manifestament infondat.

**7.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-kwistjoni ta' l-interess guridiku tal-attrici, appellata f'din l-istanza. Anke hawn l-aggravju ta' l-appellanti huwa infondat. Huwa sufficjenti ghall-finijiet ta' dan it-tieni aggravju li din il-Qorti tirriproduci parti minn dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari taghha tat-30 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha rrespingiet l-eccezzjoni tal-karenza ta' interess guridiku tal-attrici:

"Illi l-imharrka Caruana, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, tghid li dak li sar kien biss b'esekuzzjoni ta' sentenza li qieset il-kwestjonijiet ta' bejn il-partijiet fil-mertu, u ghalhekk, l-attrici qatt m'ghandha interess li tressaq din il-kawza u b'hekk tittanta terga' tiftah berah

kwestjoni li diga' giet determinata minn qorti fil-mertu. Huwa fuq dawn is-sisien li Caruana tibni l-eccezzjoni taghha. Il-bicca l-kbira tan-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha thares lejn il-kwestjoni ta' jekk sehhx spoll: imma dan huwa l-mertu tal-kawza u mhux ta' l-eccezzjoni tal-interess, u jista' jkun utili bhala sottomissjonijiet fil-mertu, imma mhux ghall-finijiet ta' din l-eccezzjoni f'dan l-istadju tal-kawza;

"Illi, jekk dan huwa l-kaz, allura l-eccezzjoni taghha ma tistax, fl-astratt u bla ma jitressqu provi, tigi milqugha *ictu oculi* u dan, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, ghar-raguni ovvja li mhux kull min jghid li qieghed jezegwixxi sentenza jista' b'hekk biss iwaqqaf l-indagini dwar jekk l-imsemmija "esekuzzjoni" tkunx marret lil hinn minn dak li kien dispost fis-sentenza nnifisha;

"Illi min-naha l-ohra, huwa evidenti wkoll li l-azzjoni mibdija mill-attrici ma taqax taht dawk imfissrin bhala *actiones ad aemulationem* u ghalhekk ma jistax lanqas jinghad *a priori* li jonqos fiha l-interess li tressaq din il-kawza. Din il-konsiderazzjoni m'ghandhiex lanqas tfisser li l-attrici hija mehlusa milli tipprova hi li jikkonkorru l-elementi kollha tal-azzjoni ta' spoll li qeghda tressaq 'il quddiem b'din il-kawza. Sewwa tghid l-imharrka fl-ahhar parti tan-Nota taghha f'dan ir-rigward. Dan l-obbligu l-attrici ghadha trid twettqu, fi stadju 'l quddiem tal-kawza, u tista' twettqu biss jekk jintwera li ghandha l-interess li tmexxi 'l quddiem din il-kawza."

**8.** Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan kollu li ghadu kif gie riprodott. Effettivament l-ewwel Qorti, in segwitu ghas-sentenza preliminari, ghaddiet biex tezamina l-effett tas-sentenza ta' zgumbrament u kkonkludiet – gustament fil-fehma ta' din il-Qorti – li meta l-attrici appellata giet zgumbrata mill-ambjenti in kwistjoni u hija ghalqet l-aperturi li sa dak iz-zmien kienu jaghtu ghal fuq il-gardina taghha, l-attrici ma kienet qed tmur kontra ebda ordni ossia sentenza tal-Qorti. Ma rrizultax li l-gheluq jew il-ftuh mill-gdid ta' dawn l-aperturi kien gie b'xi mod indirizzat fis-sentenza ta' zgumbrament; u kwindi, wara li l-konventa appellanti kienet halliet dawn l-aperturi maghluqa ghal

kwazi sitt xhur[1] u regghet fethithom b'mod li mill-proprjeta` issa fil-pussess taghha tigi tittawwal direttament ghal fuq il-proprjeta` (il-gardina) fil-pussess tal-attrici, u dan minghajr il-kunsens tal-attrici (anzi kontra l-volonta` manifesta ta' l-istess attrici), hemm il-presupposti kollha ghal azzjoni ta' spoll. Fl-kaz in dizamina ma hemmx kwistjoni dwar meta nfethu dawn l-aperturi u kemm ghadda zmien qabel ma saret l-kawza. Jekk, imbaghad, kienx jezisti xi dritt ta' minn ikun fil-pussess tal-ambjenti li gew f'idejn il-konvenuta li jkollu prospett ghal fuq il-proprjeta` (il-gardina) fil-pussess tal-attrici, din hi kwistjoni li trid tigi ventilata f'kawza ohra, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza tat-30 ta' Jannar, 2004, u mhux f'din il-kawza ta' spoll. Kif inhu risaput, f'kawza ta' spoll huma ammessi biss eccezzjonijiet dilatorji (Artikolu 791, Kap. 12).

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell tal-konvenuta u konsegwentement tikkonferma kemm is-sentenza tat-30 ta' Mejju, 2002 kif ukoll dik tat-30 ta' Jannar, 2004, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti. It-terminu ta' sittin gurnata sabiex il-konvenuta tirreintegra lill-attrici appellata fl-istat antecedenti ghall-ispoll jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] *"Jien nghid illi bejn wiehed u iehor il-post illi gie lura ghandi bis-sahha tas-sentenza kien fiz-zmien ghal habta ta' Novembru, 1999. Il-ftuh tal-logga u tal-ventilatur li semmejt aktar qabel kien sar f'Mejju tas-sena li gahddiet."* – deposizzjoni tal-konvenuta tal-14 ta' Marzu, 2001, fol. 16, 17.